MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF SILVIO MELI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 14/2005

**Nazzareno Abela**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fuq indikat datat is-7 ta’ Jannar, 2005, li permezz tieghu r-rikorrenti sejjah lill-intimat fuq indikat biex wara li ppremetta:

1. Illi stante li jopera fis-settur tat-trasport, jixtri u jahzen ammont sostanzjali ta’ “*diesel*” li mill-1990 ‘il quddiem dejjem akkwista minghand Borg Transportation Limited;

2. Illi r-rikorrenti juza “*bowsers*” addattati ghall-hazna tal-istess;

3. Illi meta jixtri d-"*diesel*" hu jaghamel "*topping up*" fuq il-hazna li jkun ghad fadallu fl-istess "*bowser*" li juza u ilu jaghmel hekk diversi snin;

4. Illi wara spezzjoni fil-proprjeta` tar-rikorrenti gew elevati kampjuni mid-"*diesel*" minnu hekk mahzun u ssigillaw "*bowser*" partikolari kontenenti madwar erbatax – il elf (14,000), litru "*diesel*";

5. Illi permezz ta' zewg noti ta' qbid indikati fir-rikors promotur mahrugin mill-intimat giet maqbuda l-kwantita' ta' "*diesel*" indikata fil-paragrafu precedenti;

6. Illi r-rikorrenti jichad li ghamel xi wahda mill-misfatti allegati mill-intimat bhala raguni li fuqhom ibbaza l-qbid tad-"*diesel*" de quo;

7. Illi r-rikorrenti jsostni u jafferma li xtara d-"*diesel*" minghand il-fornitur tieghu fuq indikat b'mod regolari u skont il-ligi;

Talab lill-qorti s-segwenti:

1. Tiddikjara li l-erbatax –il elf (14,000), litru "*diesel*" maqbuda mill-intimat Kontrollur ma kellhomx jinqabdu;

2. Tiddikjara li l-"*bowser*" bin-numru Xazi PT6330 maqbud mill-intimat Kontrollur ma kellux jinqabad;

3. Tordna r-rilaxx tal-"*bowser*" u tal-erbatax –il elf (14,000) litru "*diesel*" favur ir-rikorrenti;

4. Bl-ispejjez kontra l-intimat Kontrollur;

Rat ir-risposta tal-intimat Kontrollur datata l-24 ta' Jannar, 2005, li permezz taghha sintetikament wiegeb is-segwenti:

1. Illi l-qbid tad-"*diesel*" u tal-"*bowser*" de quo saru skont il-ligi;

2. Illi dawn il-passi ttiehdu wara l-invstigazzjoni mehtiega fejn irrizulta li d-“*diesel*” de quo ma kienx impurtat legalment u allura ma thallsux it-taxxi dovuta;

3. Illi l-procedura odjerna hi wahda *in rem* u ghalhekk jekk is-sid jafx il-fatti jew le hu rrilevanti;

4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat il-5 ta’ Frar, 2008, li permezz tieghu ordnat li l-provi jkomplu jinstemghu mill-assistent gudizzjarju nominata;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-4 ta’ Mejju, 2010, fejn wara li rat ir-rikors ta-Kontrollur intimat u r-risposta tar-rikorrenti ghall-istess, cahdet it-talba tal-Kontrollur intimat ghall-korrezzjoni li kien talab;

Rat il-verbal tal-assistent gudizzjarju datat l-4 t’Ottubtu, 2011, li permezz tieghu rritornat in atti l-inkartament li kien fil-pussess taghha;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta u mill-assistent gudizzjarju assenjata;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda minnha mismugha kif illum preseduta;

Ezaminat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti rispettivament datati t-3 t’April, 2012 u l-31 ta’ Mejju, tal-istess sena;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi wara spezzjoni kondotta fi-17 ta' Novembru, 2004, mill-ufficcjali tad-Dwana assistiti mill-Pulizija fil-garaxx "*Cancu Supreme Travel*" Triq il-Kastellana, iz-Zejtun, il-Kontrollur intimat eleva kampjuni ta' "*diesel*" li taw bidu ghal din il-procedura;

2. Illi wara li saru l-ezamijiet necessarji nstab li d-"*diesel*" de quo ma kellux il-"*fiscal marker*" li suppost ikollu waqt li kellu minflok levell oghli ta' kubrit;

3. Illi konsegwentement id-"*diesel*" de quo ma kellux ikun fil-pussess tar-rikorenti odjern peress li dan kien intiz biss biex ikun ghall-uzu marittimu biss u fi kwalunkwe kaz, bl-awtorizazzjoni espressa tad-Dwana, peress li dan ma jistax jintuza fit-toroq;

4. Illi l-"*fiscal marker*" in dizamina hu ghall-uzu esklussiv tad-Dwana, u ghalhekk l-assenza tal-istess, u r-ritrovament tal-kubrit jindikaw bl-aktar mod car li d-"*diesel*" ittiehed minn sors qabel id-Dwana lahqet inseriet l-istess "*fiscal marker*" de quo;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti sintetikament isostni s-segwenti:

1. Illi fis-suq lokali kien jinbiegh "*diesel*" kemm b' "*sulphur content*" baxx kif ukoll dak b' "*sulphur content*" gholi;

2. Illi biex it-tipi ta' "*diesel*" jintgharfu minn xulxin u biex dak "*duty free*" jintaghraf minn dak li ma jkunx, jizdied is-"*sudan marker*", (ara fol 249);

3. Illi mill-ezamijiet kondotti mill-analizi tal-Kontrollur intimat ma nstab l-ebda "sudan marker";

4. Illi mid-"*diesel*" konfiskat mir-rikorrenti rrizulta biss li dan kellu "*sulphur content*" gholi u xejn aktar, u allura ma kien hemm xejn x'jindika li d-"*diesel*" konfiskat ma kellux id-dazju mhallas fuqu;

5. Illi di piu`, jirrizulta li d-“diesel” de quo ma kienx “*fuel*” marittimu;

6. Illi allura xejn ma kien jindika li d-“*diesel*” maqbud mill-intimat li dan kien “*diesel*” “*duty free*”;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti l-pozizzjoni kif rilevata mir-rikorrenti tregi stante li l-intimat Kontrollur jidher li pprecipita l-affarijiet qabel ma ra li l-pozizzjoni tieghu kienet fattwalment rassodata biex tregi l-analizi legali tar-rikorrenti;

Illi di piu` jirrizulta assodat ukoll is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti jforni ruhu esklussivament mis-socjeta` Borg Transportation Limited;

2. Illi skont l-analista anzjan tal-istess intimat Kontrollur jirrizulta li r-rikorrenti effettivament kellu d-dazju dovut fuq id-“*diesel*” de quo imhallas, regolarment (ara fol 60);

3. Illi ghalhekk effettivament jirrizulta li l-intimat ma kellu l-ebda raguni valida fil-ligi ghaliex jaghti bidu ghal din is-saga inutili riskontrata;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti filwaqt li tirrespingi r-risposti tal-intimat Kontrollur, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-erbatax –il elf (14,000), litru “*diesel*” konfiskat mill-intimat Kontrollur ma kellhomx jinqabdu;

2. Tiddikjara li l-“*bowser*” bin-numru Xazi PT 6330 maqbud mill-intimat Kontrollur ma kellux jinqabad;

3. Tordna r-rilaxx tal-“*bowser*” de quo u tal-erbatax –il elf, (14,000), litru “*diesel*” favur ir-rikorrenti Nazzareno Abela;

4. Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat Kontrollur tad-Dwana;

________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------